IL-BIRGU
Citta' Vittoriosa

# MINUTI

*It-Tmien Leġislatura*

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birgu
## Numru 33

Il-Kunsill Lokali Birgu ltaqa' għal din il-laqgħa fis-sitta u kwart ta' filgħaxija (6:15pm) nhar **it-Tnejn 26 ta'April 2021**.

**PREŻENTI:**

Is-Sur John Boxall – Sindku
Is-Sur Christopher Cassar – Viċi-Sindku
Is-Sur Trevor Mizzi – Kunsillier
Is-Sur Jason Portelli – Kunsillier

**SKUŻAT:**

Is-Sur Anton Gellel – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sur Christian Lawrence Raggio Vella – Aġent Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sindku s-Sur John Boxall, qal it-talba u ppresedja l-laqgħa.

**33.1 Qari tal-ittri ta' Apoloġija**

33.1.1 Il-Kunsillier Anton Gellel talab li jkun skużat minħabba raġunijiet ta' xogħol. Apoloġija approvata.

**33.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

33.2.1 Is-Sindku flimkien mal-kunsilliera qablu li dawn ikunu moqrija u approvati fil-laqgħa li jmiss minħabba l-punti li hemm fl-aġenda għad-diskussjoni.

**33.3 Aġġornament dwar il-proġett taż-żona tal-Glażiż**

33.3.1 Is-Sindku qal li sejjaħ din il-laqgħa sabiex jitkellem primarjament fuq żewġ proġetti kbar li jitolbu diskussjoni u approvazzjoni tal-kunsill kollu. Wieħed minn dawn il-proġetti huwa r-riġenerazzjoni tal-Glażiż, iż-żona li tibda minn fuq l-Iskola Primarja tal-Birgu sal-Ħawli..

33.3.2 Is-Sindku qal li l-istimi li ġabar minn kumpaniji privati għar-riġenerazzjoni ta' dan il-proġett kienu għoljin wisq, fejn dawn iqarrbu lejn il-ħames miljun Ewro (€5,000,000). B'dan l-ammont, ankè għall-Gvern kien xi ftit jew wisq għoli biex jiġi mwettaq.

33.3.3 Għaldaqstant, rappreżentant mil-Ministeru tal-Ambjent għamel komunikat mas-Sindku sabiex dan il-proġett ikun jista' jsir minn Ambjent Malta bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali tal-Birgu bi spiża ferm inqas. L-idea li dan il-post jinżamm kemm jista' jkun naturali mingħajr żvilupp żejjed. Għal dan il-proġett hemm il-ħsieb li fost oħrajn; jitneħħew is-siġar il-ħżiena jew mejta, isir tindif tajjeb tal-post, jitħawwlu aktar siġar u arbuxelli, issir walking track, dawl adekwat, *equipment* għal *out-door gym* u bandli għat-tfal. L-unika żvilupp li jkun hemm hija gabbana fin-nofs tal-ġnien u magħha jkun hemm it-toilets għall-pubbliku kompluti minn kollox. Apparti hekk, dan il-ġnien ikun mgħammar ukoll bil-kameras tas-sigurtà u ilquħ tajjeb fil-perimetru tiegħu għas-sigurtà ta' dawk li jagħmlu użu mill-post.

33.3.4 L-idea tar-riġenerazzjoni ta' din iż-żona se tkun simili bħal ma sar fil-foss ta' Ħaż-Żabbar li llum qed jitgawda minn kulħadd. L-ispiża għal dan il-proġett tal-Glażiż mistenni jilħaq is-somma ta' tmien mitt elf Ewro li dawn ser jingħataw gradwalment lill-Kunsill Lokali tal-Birgu biex bihom jamministra u jwettaq il-proġett.

33.3.5 Is-Sindku qal li għal dan il-proġett ġiet ingaġġata l-Perit Melanie Spiteri, speċjalizzata f'dan is-settur, li bħalissa qed tħejji l-pjanti għall-iżvilupp ta' din iż-żona wara li flimkien mas-Sindku John Boxall u mad-direttur ta' Ambjent Malta, żaru l-post sabiex jaraw kif inhi mifruxa ż-żona. Is-Sindku qal li l-pjan huwa li x-xogħol jinqasam f'erba' fażijiet u mhux żvilupp fiż-żona kollha f'daqqa sabiex b'hekk il-ġnien ikun jista' jinfetaħ mal-ewwel parti li titlesta u jkun jista' jibda jiġi frekwentat mill-familji. Din l-ewwel parti ser tkun ukoll aċċessibli għal persuni bi bżonnijiet speċjali.

33.3.6 Fost l-ideat li ħarġu mill-kunsilliera għal dan il-proġett, kien hemm ukoll qbil li jsir forma ta' Greek Theatre żgħir u dog park. Is-Sindku qal ukoll li se jsir taraġ li jgħaqqad l-Iskola Primarja tal-Birgu mal-ġnien sabiex l-istudenti jkunu jistgħu jagħmlu użu minn dan il-ġnien waqt il-ħin tal-iskola skont il-bżonn.

33.3.7 Is-Sindku talab ukoll l-oppinjoni tal-kunsilliera sabiex jaraw x'jaħsbu dwar il-bandli tal-Birgu, jekk dan għandux isir fejn minn dejjem kien jew għandux jiġi trasferit f'dan il-ġnien. Il-Viċi-Sindku Christopher Cassar qal li kemm minħabba sigurtà biex persuna taqsam it-triq u ankè għall-fatt li jekk dan isir fil-ġnien se jieħu aktar fit-tul biex isir bandli, ikun jaqbel li dan jibqa' fejn hu. Il-Viċi-Sindku rrimarka li n-nies qed igergru li l-bandli għadu mhux lest u għalhekk jekk dan isir fil-ġnien, ser jieħu aktar fit-tul. Is-Sindku flimkien mal-kunsilliera kollha qablu li l-bandli għandu jibqa' fejn minn dejjem kien.

33.3.8 Finalment, is-Sindku, wara li aġġorna lil kulħadd fuq dan il-proġett, talab l-approvazzjoni ta' dak kollu li ġie diskuss u tal-pjan tal-proġett u jekk kienx hemm aktar punti li l-kunsilliera xtaqu jikkjarifikaw. Il-kunsilliera kollha qablu unanimament li jsir dan il-proġett, propost minn Ambjent Malta, kif diskuss u skont il-punti msemmija hawn fuq fil-minuti.

**33.4 Aġġornament dwar il-proġett tad-Dar tal-Anzjani f'Tal-Ħawli**

33.4.1 Is-Sindku qal li fil-ġimgħat li għaddew, iltaqgħa mal-Perit George Pullicino li huwa l-perit tal-kuntrattur li lest li jiżviluppa din l-art u jibni dar tal-anzjani. Is-Sindku qal ukoll li kellu laqgħa l-Kurja tal-Knisja dwar dan il-proġett minħabba li

parti mid-dar, se jkollha gallariji jew twieqi jħarsu lejn il-Kulleġġ ta’ De La Salle, li hija skola tal-knisja. Il-kurja talbet li jkun hemm laqgħa mal-amministrazzjoni tal-kulleġġ sabiex l-affarijiet ikunu spjegati sabiex ma jkun hemm ebda oġġezzjoni la darba jkun se jibda l-proġett. Is-Sindku spjega li bejn wieħed u ieħor, aktarx id-dar ikollha ħames sulari

33.4.2 La darba dan il-proġett isir realtà, il-Kunsill Lokali tal-Birgu ikun parti mil-board tat-tmexxija, b’żewġ rappreżentanti filwaqt li jkollu parti mid-dħul finanzjarju ta’ dan l-investiment. Is-Sindku qal li l-fatt li din id-dar tkun qed titgawda mill-anzjani tal-Birgu, diġà huwa ta’ gwadann għall-kunsill għax ikun intlaħaq l-għan tal-proġett iżda mhux esklużi opportunitajiet li jkunu ta’ benefiċċju għall-kunsill.

**33.5 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera u Komunikazzjoni mis-Sindku**

33.5.1 Is-Sindku qal li jekk kulħadd jaqbel, Triq l-10 ta’ Awwissu tingħalaq darba għal dejjem bil-bollards minn Triq il-Mina l-Kbira u tkun triq pedonali biss. Il-kunsilliera kollha preżenti qablu unanimament ma din il-proposta.

33.5.2 Is-Sindku preżenta mostra tad-drapp/damask aħdar għal valdrappa li titpoġġa fuq quddiem tal-bank tal-knisja meta s-Sindku jkun preżenti b’mod uffiċjali għal xi funzjoni reliġjuża. Is-Sindku spjega li din se kollha fuqha l-arma tal-Birgu biss u se tkun propjetà tal-kunsill u tintrama fil-knisja meta jkun hemm bżonn. Il-kunsilliera qablu unanimament li din issir.

33.5.3 Is-Sindku qal li l-applikazzjoni sabiex jingħataw il-fondi tal-LESA għar-riġenerazzjoni ta’ spazji miftuħa, ġiet sottomessa. B’dan il-finanzjament ta’ tmenin fil-mija tal-proġett sa massimu ta’ tmenin elf Ewro se jsir il-belvedere f’Tal-Ħawli li jiġi l-bejt tal-garaxx tal-kunsill u l-ispazju miftuħ fi Triq iċ-Ċentinarju tal-Parroċċa.

33.5.4 Il-Kunsillier Jason Portelli staqsa meta se jkun lest il-poġġaman fin-niżla ta’ Triq it-Torri ta’ San Ġwann peress li l-bankina tiżloq ħafna u hija perikoluża. Is-Sindku qal li dan kien ordnat wara li kien approvat f’waħda mil-laqgħat tal-kunsill peress li kienet materja urġenti minħabba l-periklu li hemm fin-nuqqas ta’ dan il-poġġaman. Is-Sindku spjega li l-kumpanija Amabile Galea li tqabbdet tagħmel dan il-poġġaman għadha m’għamlitux u għalhekk ġie deċiż u maqbul bejn il-kunsilliera kollha li tintbagħat email u jekk ma tasalx risposta fi żmien erbgħa u għoxrin siegħa, b’risposta defenittiva meta se jitlesta, dan ix-xogħol isir minn kumpanija oħra.

33.5.5 Is-Sindku qal li x-xogħol ta’ imprint concrete fi Triq il-Pjazzetta, li fiha biss ftit metri, kien ġej għoli wisq. Għalhekk, is-Sindku propona li din tingħata l-asphalt (tarmac). Il-kunsilliera preżenti qablu unanimament u għalhekk kellhom jinġiebu stimi ta’ dan ix-xogħol.

**33.6 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fit-tmienja ta` filghaxija (8:00pm). Is-seduta li jmiss tal-Kunsill Lokali tal-Birgu se ssir l-Erbgħa 12 ta` Mejju 2021 fis-sitta neqsin kwart ta` filgħaxija (5:45pm).

Konfermati llum: **12 ta’ Mejju 2021.**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| John Boxall<br>Sindku | Christian Lawrence Raggio Vella<br>Aġent Segretarju Eżekuttiv |